# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS - 2000

EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT - EDUCATION DIVISION

**FORM 3** | **RELIGION** | **Time 1½ hours**

**Name:**______________________________ **Class:**________

## A. Wieġeb fil-qosor:

1. Semmi tnejn mill-ħbieb ta' Ġesù li kienu jgħixu f'Betanja.

____________________________________________

2. Liema hu l-'kmandament ġdid' ta' Ġesù ?

____________________________________________

3. Min kiteb it-talba 'Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek'?

____________________________________________

4. X'għandna naraw f'kull bniedem?

____________________________________________

5. Semmi wieħed mill-premjijiet li jwiegħed Alla lil min jirrispetta l-ġenituri.

____________________________________________

6. X'qal San Pietru lil Ġesù meta kien ser jegħreq?

____________________________________________

7. Semmi żewġ modi kif għandna nġibu ruħna waqt it-tentazzjoni.

   a).__________________________________________

   b)__________________________________________

8. Fejn ghandna nfittxu l-ewwel biex ikollna ideat ġenwini dwar is-sess?

____________________________________________

9. Kif nistgħu aħna l-bnedmin inżommu kuntatt ma' Alla?

____________________________________________

10. Xi kliem instema' ġej mis-sħaba fit-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù ?

____________________________________________

11. X'inhu dak li tgħidilna l-kuxjenza?

____________________________________________

12. X'raġuni speċjali għandna aħna l-insara li għaliha nirrispettaw il-ġisem tagħna?

_______________________________________________

13. Min kien il-mexxej li ħareġ lil-Lhud mill-jasar ta' l-Eġittu?

_______________________________________________

14. Għaliex min jemmen fl-oroskopju jkun jonqos mill-qima u l-fiduċja lejn Alla?

_______________________________________________

15. a) X'inhu t-tieni kmandament?

_______________________________________________

b) Xi jrid jgħidilna Alla bit-tieni kmandament?

_______________________________________________

16. Kompli din is-sentenza: ' Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi iżda

_______________________________________________

17. Semmi żewġ għemejjel li jmorru kontra l-ewwel kmandament

a) _______________________________________________

b) _______________________________________________

(20 marka)

## B. Imla din it-Tisliba.

1. Alla jridna nagħtu dan lil ommna u lil missierna.
2. Wieħed mill-allât foloz ta' żmienna.
3. Sustanza velenuża li teqred il-ħajja ta' ħafna żgħażagħ.
4. Wieħed mill-ħbieb speċjali ta' Ġesù .
5. Ħabib kbir ta' David.
6. Alla jridna nħobbuh bħalna nfusna.
7. Dan deher jitkellem ma' Ġesù fuq It-Tabor.
8. Din tmexxina f'dak li nagħmlu.
9. Dawn ġabuna fid-dinja.
10. Dan jista' jġibilna t-tentazzjonijiet.




(10 marki)

## C. Kompli dawn is-sentenzi.

1. Ġesù jgħallimna biex il-futur tagħna nitgħallmu nħalluh f'idejn _______________

2. Ftit sigħat qabel ma kellu jmut, Ġesù ġabar flimkien._______________

3. Il-ħsieb tal-ġenna għandu ______________________________________________

4. Adorazzjoni hija l-qima ________________________________________________

5. Meta ma nisimgħux mil-leħen tal-kuxjenza ______________________________

___________________________________________________________________

6. Ix-xitan dejjem iħeġġiġna biex naqbdu t-triq komda għax ______________

___________________________________________________________________

7. Ħafna drabi, dawk li jagħmlu programmi mhux xierqa, ħsiebhom ikun ______

___________________________________________________________________

8. Nobdu u nirrispettaw lill-ġenituri tagħna għaliex _______________________

___________________________________________________________________

9. Il-mod kif nilbsu, nitkellmu u nġibu ruħna għandu juri lill-persuni tas-sess l-ieħor ___

___________________________________________________________________

10. "Mulej, Int ħlaqtna għalik u qalbna ma tistrieħx_________________________

___________________________________________________________________

(20 marka)

---

## D. Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u weġibhom fit-tul.

1. **'Il-bniedem għandu dejjem jimxi fuq dak li fil-kuxjenza tiegħu jagħraf li hu tajjeb u jaħrab dak li fil-kuxjenza tiegħu jagħraf li hu ħażin.'**

   a) Kif nistgħu niddeskrivu l-kuxjenza.
   b) Semmi tnejn mill-affarijiet li għandna nagħmlu biexil-kuxjenża tagħna niffurmawha tajjeb. Fisser dak li ssemmi.
   c) Ikteb talba lill-Ispirtu s-Santu biex titolbu jgħinek ħalli tifforma sewwa l-kuxjenza tiegħek u biex jagħtik il-kuraġġ ħalli tagħmel dak li tgħidlek hi.

2. **'Ħbiberija vera u sinċiera ma tiġix waħedha.'**

   a) Semmi l-aktar karatteristika importanti li għandu jkollu ħabib veru. Fisser, permezz ta' eżempju kif tkun tidher fih din il-karatteristika.
   b) Ikteb f'madwar **50 kelma** l-istorja ta' David u Ġonatan. Semmi kif tara l-vera ħbiberija f'Ġonatan.
   c) Semmi xi ħaġa li tkisser il-ħbiberija ta' bejnietna u għid kif nistgħu nirbħu din il-ħaġa.

3. **'Jiena Alla Sidek. Ma jkollokx alla ieħor għajri.'**

   a) Semmi xi jrid ifisser Alla b'dan il-kliem.
   b) Semmi żewġ raġunijiet li għalihom Alla għandu dritt jagħmlilna dan il-kmandament.

c) Għid x'inhu s-Satanizmu. Għid ukoll għaliex huwa nuqqas kbir lejn Alla.
d) Fisser x'inhu l-ġurament u għid x'għandna nżommu f'moħħna meta niġu biex nieħdu ġurament.

4. **'U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbiha tiegħu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara għamilhom.'**

a) Għid għaliex huwa importanti li aħna jkollna ideat tajbin dwar is-sess.
b) Fejn jidħol l-użu tas-sess, x'għandu l-bniedem aħjar mill-annimal? Fisser fil-qosor it-tweġiba tiegħek.
c) Għid x'għandu jagħmel il-ġuvni biex iġib rispett lit-tfajliet jew x'għandha tagħmel it-tfajla biex iġġib rispett lill-ġuvintur.
Fisser dak li tgħid permezz ta' xi eżempju.

5. **'Ir-raba: Weġġaħ lil missierek u 'l ommok.'**

a) Għal min għamel Alla dan il-kmandment, għat-tfal jew għall-kbar? Għaliex?
b) Ikteb fil-qosor xi ġrajja mill-evanġelju li turi kif Ġesù kien ta' eżempju għalina fl-imġieba mal-ġenituri.
c) **Semmi ħames eżempji differenti mill-ħajja ta' kuljum ta' kif nuru mħabba u rispett lejn il-ġenituri.**

(50 marka)